



Brussell, 13 ta' Settembru 2023
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2023/0450(NLE)
2023/0274(NLE)

12187/23
ADD 1

POLCOM 176
WTO 116
MAP 43
MI 662

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	11963/23 ADD 1
Suġġett:	Abbozz tar-Regoli ta' Proċedura għall-għażla tal-President tal-Kumitat tad-WTO dwar l-Akkwist Pubbliku (il-"Kumitat")

Abbozz tar-Regoli ta' Proċedura għall-għażla tal-President tal-Kumitat tad-WTO dwar l-Akkwist Pubbliku (il-"Kumitat")

- (1) Il-Partijiet għandhom jagħżlu President minn fost ir-rappreżentanti tagħhom fil-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku fuq bażi annwali.
- (2) Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu li jestendu t-terminu tal-President, abbażi tal-pjan ta' ħidma tal-President għas-sena ta' wara.
- (3) Kandidat għandu jintgħażel bħala President abbażi tal-kapaċità, l-esperjenza, id-disponibbiltà u l-kompetenzi tal-kandidat biex jaqdi r-responsabbiltajiet assoċjati. Il-President ser iservi fil-kapaċità personali.
- (4) Il-President uxxenti għandu jagħmel konsultazzjonijiet biex jiffaċilita l-għażla. Jekk ma jkunx hemm President, il-Partijiet jistgħu jaħtru President interim bil-konsensus, jew jistiednu lill-Parti li kienet ipprovdiet il-President preċedenti biex tagħmel dawn il-konsultazzjonijiet.

- (5) Qabel il-konsultazzjonijiet jew matulhom, il-kandidat(i) għall-pożizzjoni tal-President għandhom jingħataw l-opportunità li jippreżentaw il-pjanijiet proposti lill-Partijiet għall-perjodu tal-presidenza tal-Kumitat.
- (6) Il-ħatra għandha ssir fl-ewwel laqgħa regolari tas-sena tal-Kumitat. Jekk il-kariga ta' President issir vakanti f'nofs sena, il-Partijiet għandhom ifittxu li jsibu sostituzzjoni fl-iqsar żmien possibbli.
- (7) Il-ħatra għandha tidħol fis-seħħ fi tmiem il-laqgħa prevista fil-paragrafu preċedenti. Jekk ma jkun hemm l-ebda President f'dak iż-żmien, il-ħatra għandha tidħol fis-seħħ immedjatament.
- (8) Il-President għandu jibqa' fil-kariga sa tmiem l-ewwel laqgħa regolari tas-sena kalendarja ta' wara, għajr meta l-President ma jkunx jista' jibqa' jservi jew jirriżenja qabel.
- (9) Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jilhqqu konsensus dwar l-għażla ta' President, b'tali mod li l-Kumitat ma jkunx jista' jissodisfa l-obbligu tiegħu li jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena, il-Kumitat jista' jaħtar President interim minn fost il-kandidati bil-konsensus, jew inkella jistieden lill-Parti li kienet ipprovdiet il-President preċedenti biex tiffaċilita il-laqgħat tal-Kumitat b'mod temporanju, sakemm ikun jista' jinħatar President.
- (10) Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu li jkomplu jikkumplementaw dawn ir-regoli ta' proċedura. Ir-regoli ta' proċedura jistgħu jiġu rieżaminati fi żmien ħames snin mill-adozzjoni tagħhom.